MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 72/2009

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz taghha, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-30 ta’ Dicembru tas-sena 1978;

Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ghandhom erbat itfal li jisimhom D ta’ 26 sena, E ta’ 24 sena, F ta’ 19-il sena u G ta’ 16-il sena;

Illi ghandu jirrizulta li l-konvenuta hija hatja ta’ eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi fil-konfront ta’ zewgha l-attur;

Illi jinghad inoltre li l-hajja matrimonjali ma ghadhiex aktar possibli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru tant li z-zwieg ta’ bejniethom tkisser b’mod irrimedjabbli;

Illi l-attur, fil-fatt ilu aktar minn disa’ snin jghix wahdu u jorqod gewwa l-garage sottopost id-dar konjugali bl-isem ta’ “Taurus”, Triq Santa Katarina, Gharghur, minghajr ebda kumditajiet ta’ xejn, filwaqt li martu u uliedu baqghu jirrisjedu kultant bi hbiebhom fid-dar konjugali;

Illi jigi rilevat ukoll li l-esponent gie abbandunat ghal kollox minn martu u uliedu minghajr assistenza u ghajnuna ta’ xejn ghal dawn l-ahhar erba’ snin;

Peress illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni legali b’dawn il-proceduri in forza ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib id-data 16 ta’ Ottubru tas-sena 2008, Digriet numru 1737/08 Dok. A;

Peress illi l-fatti kontenuti fil-premessi huma maghrufa personalment lill-istess esponent di xjenza proprja.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B u dana ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta;

Tapplika kontra martu interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 a bazi ta’ artikolu 50 Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

Tillikwida l-effetti kollha tal-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet ugwali komposti kif jigi

ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti, liema zewg porzjonijiet ghandhom jigu assenjati f'sehem indaqs lil kull parti u dana kollu okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

Tordna li ssir id-divizjoni tal-assi tal-komunjoni kif likwidata mill-Qorti;

Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att pubbliku relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza ta' separazzjoni fir-Registru Pubbliku ta' Malta a tenur tal-Artikolu 62A Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ingunta personalment biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' H B, li in forza taghha, eccepiet:

Illi hu l-istess attur li ghandu jigi kkunsidrat hati tas-sitwazzjoni matrimonjali minhabba eccessi u mohqrija kontinwu, theddid, offizi gravi imma kontinwi, imma partikolarment minhabba adulterju da parti tal-istess attur, liema problema hi agmentata minhabba l-fatt li r-rikorrent ghandu l-vizzju tax-xorb. Illi fil-fatt, ir-rikorrent qed jinqeda b'dawn il-proceduri biex jghatti n-nuqqasijiet tieghu meta jaf li t-tort hu kompletament u unikament tieghu, liema haga se tigi ppruvata fil-mori tal-kaz!

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hu l-agir partikolari tal-attur li qed jikkawza tbatija bla bzonn, fejn bhala konsegwenza anki t-tfal qed isofru u dan meta l-istess atturma jridx jaghti ragunijiet xierqa ghajr li jgib ruhu verament hazin b'certa vjolenza biex jiehu r-ragun, anki fil-konfront tat-tfal stess li ma jistghux jifhmu din is-sitwazzjoni.

Illi bhala konsegwenza ta' dan, l-istess attur ghazel li jaqta' lilu nnifsu mill-familja, ghax irid hu, fejn issa qed jinterpretah bhala tbatija u stante l-ghazla tieghu stess li

jaqta' lilu nnifsu mill-familja biex joqghod jghix hajja pjuttost xellerata u jahtaf kull okkazzjoni biex joqghod jiggieled qieghed jitfa' l-htija tieghu stess fuq l-esponenta kif ukoll fuq it-tfal uliedu li huma konxji mill-fatt li aktarx ir-rikorrent ghandu bzonn ghajnuna medika.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur qed jippersisti fl-imgieba hazina tieghu anki fil-konfront tal-gharajjes tat-tfal, fejn b'mod skorrett, qed isir referenza ghalihom bhala 'mistednin', bil-konsegwenza li r-rikorrent joqghod johloq tensjoni bla bzonn u bla sens!

Illi nonostante s-suespost is-sitwazzjoni, l-esponenta xorta thobb lill-attur u lesta li taccettah lura. Illi, pero', jekk il-Qorti tghaddi biex tippronunzja sentenza ta' separazzjoni skond it-talba, il-konvenuta u t-tfal m'ghandhomx ibatu minhabba l-kapricci tal-istess attur li qed johloq din is-sitwazzjoni ghar-ragunijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba prezentata minn H B, li permezz taghha, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenta eccipjenta qed tipprevalixxi ruhha mill-azzjoniattrici sabiex tipprezenta l-kontro-talba taghha.

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta' Dicembru 1978, fejn minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal.

Illi r-rikorrent irrenda ruhu hati tas-sitwazzjoni matrimonjali minhabba eccessi u mohqrija kontinwu, theddid, offizi gravi imma kontinwi, imma partikolarment minhabba adulterju da parti tal-istess attur, liema problema hi ogmentata minhabba l-fatt li r-rikorrent ghandu l-vizzju tax-xorb bil-konsegwenza li l-hajja matrimonjali saret impossibli sija ghall-esponenta kif ukoll ghal ulied il-partijiet.

Illi di piu, bhala konsegwenza tal-agir inaccettabbli da parti tar-rikorrent A B, l-istess rikorrent qata' lilu nnifsu mill-familja tieghu u dan ghax ried hu u bhala konsegwenza u ghax jaqbel lilu qieghed jaghti l-impressjoni li ghaddej minn tbatija meta mhux il-kaz. Illi minn rajh stess mar

joqghod fil-garaxx u rama' l-istess garaxx ghall-bzonnijiet tieghu biex ikompli jaghti din l-impressjoni ta' tbatija u abbandun meta fil-fatt, l-iskop principali tieghu hu biex joqghod jghix il-hajja tieghu xellerata li hu qabad u dan biex ma jkunx imfixkel f'dan l-ghan. Illi l-istess A B ukoll ma jitlef ebda okkazzjoni biex jaqbad glieda tkun xi tkun il-kwistjoni u b'hekk jispicca jitfa' l-htija fuq l-esponenta u t-tfal fejn huma pjuttost konxji mill-fatt li r-rikorrent aktarx ghandu bzonn ghajnuna medika.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat rikorrent;

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti f'zewg partijiet mhux necessarjament ugwali b'tali mod li r-riikorrent intimat jitlef, bhala konsegwenza, kull jedd li ghandu fuq nofs l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma tal-esponenta;

Tapplika fis-shih kontra r-rikorrent intimat l-effetti tal-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-igjiiet ta' Malta;

Tordna li l-kura u kustodja tat-tfal, jekk ikun il-kaz, tigi fdata lill-esponenta ad eskluzjoni tar-rikorrent;

Tordna dina l-Onorabbli Qorti li stante li r-rikorrent ghandu impjieg b'salarju tajjeb, ihallas mhux biss ghall-manteniment tal-esponenta, imma ukoll ghall-bzonnijiet tat-tfal partikolarment imma mhux esklussivament ghall-edukazzjoni taghhom, liema manteniment u hlas ghandha tigi maqtugha mis-sehem tar-rikorrent wara li tigi determinat is-sehem dovut;

Tikkundanna ukoll li r-rikorrent ihallas dik ir-retta alimentarja xierqau adegwata li tigi ffissata mill-istess Qorti ta' mill-inqas nofs id-dhul kwalunkwe, liema dhul

jinkludi ukoll hlas ghall-overtime u xoghol privat u allowances u bonuses varji kif wara kollox hu l-obbligu tieghu that il-principju rizultanti mill-Komunjoni tal-Akkwisti;

Tikkundanna r-rikorrent jigi zgumbrat mid-dar matrimonjali biex b'hekk id-dar matrimonjali tigi assenjata lill-esponenta iktar u iktar stante l-hajja adultera li qabad ir-rikorrent intimat. Illi dan qed jinghad ukoll minhabba t-tortijiet imputabbli lir-rikorrent intimat;

Tikkundanna lir-rikorrent jikkonsenja lill-esponenta, il-beni kollha parafernali taghha u separatament l-esponenta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha. Illi fin-nuqqas tikkundannah ihallas is-somma li tigi likwidata rapprezentanti l-proprjeta' parafernali;

Tawtorizza l-esponenta tirregistra l-eventwali sentenza definittiva fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikorrent li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ghall-kontro-talba ta' A B, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok jigi eccepit li l-kontro-talba tal-konvenuta hija nulla u bla effett f'sens procedurali billi ma gietx indikata l-karta tal-identita' taghha filwaqt li l-premessi ma humiex enumerati;

Illi fit-tieni lok u fil-mertu jinghad li ghalkemm l-eccipjenti jaqbel fuq is-separazzjoni u fuq ix-xoljiment u assenjazzjoni tal-komunjoni, huwa jikkontesta ghal kollox u f'kollox ir-ragunijiet moghtija minn martu fil-premessi taghha kif dal resto gia jirrizulta mill-premessi mressqa mill-istess attur fir-rikors promotur tieghu;

Illi assolutament mhux minnu li l-eccipjent huwa hati ta' adulterju jew li ghandu l-vizzju tax-xorb;

Illi ulied, il-kontendenti, inkluz martu, ilkoll maggorenni u lkol jahdmu bi qliegh;

Illi ghall-kuntrarju, l-eccipjent ma jahdimx peress li dan l-ahhar huwa gie borded out per konsegwenza ta' "breakdown" qawwi li qabdu minhabba komportament kontinwu ta' mohqrija li huwa sofra minn idejn martu u uliedu tul dawn l-ahhar snin, tant illi geghluh jghix wahdu gewwa garage minghajr servizz tal-elettriku, filwaqt li martu, uliedu u xi drabi anke l-gharajjes ta' uliedu qed jghixu komdi fid-dar konjugali li nbniet fizikament b'idejh;

Illi in vista tal-premess, ghalhekk , l-ewwel u t-tieni talba ghandhom jigu milqugha. It-tielet ghandha tintlaqa' ukoll, pero' f'sehem ugwali. Ir-raba' ghandha tigi respinta. Il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet ghandhom jigu respinti peress illi t-tfal huma kollha maggorenni u lkoll jahdmu b'impjieg regolari, filwaqt li martu ukoll tahdem u mill-banda l-ohra, l-eccipjent ma jahdimx u l-unika dhul tieghu sejra tkun dik tal-pensjoni tal-invalidita'. Ghalhekk, semmai, fic-cirkostanzi, ghandu jkun aktar opportun li l-eccipjent jigi assistit minn martu u minn uliedu finanzjarjament. It-tmien talba ukoll ghandha tigi respinta. Peress illi fl-ewwel lok, l-allegazzjoni tal-adulterju hija nvertjiera u fit-tieni lok, id-dar konjugali ghandha tifforma parti mil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk f'kaz li nuqqas ta' assi sufficjenti l-istess dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti. Illi d-disa' taloba ma hix applikabbli stante li l-konvenuta gia ghandha fil-pussess taghha mhux biss il-beni parafernali taghha izda sahansitra l-beni kollha tal-komunjoni ukoll; l-ghaxar talba tista' tigi akkolta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni u kontro-talba, iz-zewg partijiet qed jitolbu l-firda personali minn xulxin, ir-ragel ghal ragunijiet ta' eccessi u ingurji, inkompatibilita' ta' karattru u abbandun, u l-mara minhabba eccessi u adulterju.

Il-provi prodotti huma ftit hafna. Jirrizulta illi wara dizgwid bejn il-partijiet, ir-ragel beda jghix fil-garaxx u ilu hemm sitt snin. Ghalkemm iz-zewg partijiet jakkuzaw lil xulxin b'diversi tortijiet, il-Qorti ma ssib ebda provi konvincenti ta' dawn. L-uniku fattur li jirrizulta huwa li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibli ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, kif provdut fl-Art. 40 tal-Kap. 16.

Komunjoni tal-Akkwisti

L-uniku immobbli fil-komunjoni tal-akkwisti jirrizulta li hi d-dar konjugali bl-indirizz "Taurus", Triq Santa Katarina, Gharghur. Din id-dar ghandha tinbiegh fi zmien sitt xhur u rikavat jinqasam bejn il-partijiet. Jekk il-partijiet ma jiftehmux dwar il-bejgh, il-Qorti tordna li tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jigi maqsum bejn il-partijiet. Provi ta' mobbli ma ngabux. Il-Qorti ghalhekk tqis li kull mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali jappartjenu lill-komunjoni u ghandhom ghalhekk jinqasmu bejn il-partijiet. Jekk ma jkunx hemm ftehim dwar pjan ta' qasma dawn ghandhom jigu stmati minn perit, jinbieghu bis-subbasta u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-koppja.

Proprjeta' Parafernali

Ir-ragel jikkonferma li l-mara ghandha fil-pussess taghha gizirana u tlett crieket tad-deheb proprjeta' parafernali tieghu. Din il-prova guramentata ma gietx kontestata bl-ebda mod mill-mara u ghalhekk dawn l-oggetti ghandhom jigu ritornati lir-ragel.

Manteniment

Hawnhekk, il-provi huma skarsi. Jirrizulta pero' illi r-rikorrenti jghix biss bil-beneficcji socjali u l-intimata taghmel biss xi xoghol pero' mhux b'mod stabbli. Ghalhekk, il-Qorti tordna li r-rikorrenti jghaddi lil martu ghaliha s-somma ta' tletin Ewro (€30) fil-gimgha, dan kif ga ordnat minn din il-Qorti permezz tad-digriet taghha tas-6 ta' April 2010 fl-atti ta' din il-kawza.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tiddikjara l-firda personali bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

2. Tichad it-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba;

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif intqal aktar 'il fuq fil-paragrafu intitolat "Komunjoni tal-Akkwisti";

5. Tilqa' l-hames talba kif inkluz fil-paragrafu intitolat "Komunjoni tal-Akkwisti";

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba ghaliex superfluwa;

7. Tilqa' s-seba' talba.

**Ghar-rigward tal-kontro-talba, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba kif ga' deciz;

2. Tilqa' t-tieni talba kif ga' deciz;

3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif ga' deciz;

4. Tichad ir-raba' talba;

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba ghaliex superfluwa;

6. Tordna lir-ragel jghaddi lill-mara, is-somma ta’ tletin Ewro (€30) fil-gimgha bhala manteniment ghaliha;

7. Tilqa’ din it-talba kif fuq deciz;

8. Tichad it-tmien talba;

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tad-disa’ talba ghaliex superfluwa;

10. Tilqa’ l-ghaxar talba.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------